# Il-Verb Dgħajjef



Wasal il-jum tat-tieġ ta' Gladys. Iżda qablu kien hemm l-imbierek tieġ ta'Jackie li fl-aħħar kien se jseħħ ... suppost! Sħab Percival għaddielhom minn moħħhom li jista' ma jitfaċċax bħalma kien għamel meta kellu jiżżewweġ l-ewwel darba.

Ramon ħela ħinu jinkwieta u jitħasseb fuq il-gidba kbira li omm Jackie u bintha stess kienu bellgħu lil Percival. Iżda malajr nesa ftit minn dan il-għawġ hekk kif imxiet lejh Rosie, imdandna fl-aqwa libsa u mdawra bl-isbaħ kowt tal-fer. Ħalli għaliha! Fid-daqqa u l-ħin tfaċċa Perci u l-*bestman* tiegħu kien se jtir bil-ferħ peress li Perci deher li żamm kelmtu.

Waqt iċ-ċerimonja tal-knisja ġrat waħda tinkiteb. Il-qassis waqaf minn dak li kien qed jgħid minħabba li Tyrone wera ritratt ta' Percival jiltaqa' ma' May minn wara dahar Jackie. Ma' din il-kawlata sħiħa kien jonqos l-istorja ta' Jackie u ommha. Ramon ma felaħx iżomm aktar u kixef is-sigriet tagħhom u hekk kif għamel dan waqa' zoptu mal-art.

| Verb mis-silta | Mamma | Għerq | Assimilattiv/ Xebbiehi | Moħfi | Nieqes |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

Isem: ______________________ Klassi: __________________

## Nota:

**Il-verb dgħajjef** ikollu waħda mill-konsonanti tal-għerq ***dgħajfa***, (**j** jew **w**).

Il-verb dgħajjef jinqasam fi tliet kategoriji.

1. **Assimilattiv/Xebbiehi** (bl-ewwel konsonanti tal-għerq **w)**

   wasal (**W**-S-L)
   wiret (**W**-R-T)
   waqa' (**W**-Q-GĦ)

2. **Moħfi** (bit-tieni konsonanti tal-għerq **j** jew **w** tinħeba fil-vokali twal, **a, e** jew **ie**). Biex issib x'inhu l-għerq, nissel l-imperattiv singular (kmand) tal-verb. Ħoss ta' '**i**' jfisser li d-dgħajfa hija **j** u ħoss ta' '**u**' jurik li d-dgħajfa hija **w.**

   tar Imperattiv: t**i**r → l-għerq - t-**j**-r
   għen Imperattiv: għ**i**n → l-għerq - għ-**j**-n
   mar Imperattiv: m**u**r → l-għerq - m-**w**-r

3. **Nieqes** (bit-tielet konsonanti tal-għerq **j**)

   mexa (M-X-**J**)
   ħela (Ħ-L-**J**)
   reħa (R-Ħ-**J**)

**Taħriġ: Immarka jekk il-verb hux Assimilattiv/Xebbiehi, Moħfi jew Nieqes.**

| Verb | Mamma | Għerq | Assimilattiv/ Xebbiehi | Moħfi | Nieqes |
|---|---|---|---|---|---|
| sar | | s-**j**-r | | ✓ | |
| 1. weħel | | | | | |
| 2. ħiet | | | | | |
| 3. nesa | | | | | |
| 4. għejjew | | | | | |
| 5. jfur | | | | | |
| 6. weġġajt | | | | | |
| 7. dawret | | | | | |
| 8. lwejna | | | | | |
| 9. ġibtu | | | | | |
| 10. ħlejna | | | | | |

Isem: ______________________ Klassi: __________________